

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Vitra Collections AG

— tikkundanna lill-konvenut u, fejn xieraq, lill-parti l-oħra, għall-ispejjeż.

### Talbiet tar-rikorrenti

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata u tiddikjara bħala invalida t-trade mark Komunitarja Nru 2 298 420

### Motivi u argumenti prinċipali

*Trade mark Komunitarja rreġistrata li hija s-suġġett tat-talba għal dikjarazzjoni ta' invalidità: trade mark figurativa tridimensjonali li għandha bħala suġġett l-“Alu chair” (trade mark Komunitarja Nru 2 298 420) għal prodotti fil-klassi 20*

Proprietarju tat-trade mark Komunitarja: Vitra Collections, AG

Parti li qed titlob id-dikjarazzjoni ta' invalidità tat-trade mark Komunitarja: ir-rikorrenti

Dritt tat-trade mark tal-parti li qed titlob id-dikjarazzjoni ta' invalidità: ksur tal-Artikolu 7(1)(e)(iii) tar-Regolament 207/2009. Ir-rikorrenti sostniet ukoll l-invalidità tat-trade mark abbażi tal-argument li r-reġistrazzjoni tagħha hija intiża li teskludi lill-applikanti mis-suq tal-oġġetti ta' disinn li daħlu fid-dominju pubbliku u għalda qstant hija registrarazzjoni magħmula in mala fede.

Deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Kancillazzjoni: talba għal dikjarazzjoni ta' invalidità miċħuda

Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell: appell miċħud

Motivi invokati: interpretazzjoni u applikazzjoni żbaljati tal-Artikoli 7(1)(e)(iii) u 52(1)(b) tar-Regolament 207/2009.

---

### Rikors ippreżentat fis-17 ta' Marzu 2011 — Cofra vs UASI — O2 (can do)

(Kawża T-162/11)

(2011/C 139/51)

Lingwa tar-rikors: il-Ġermaniż

### Partijiet

Rikorrenti: Cofra Holding AG (Zug, l-Isvizzera) (rappreżentanti: K.-U. Jonas u J. Bogatz, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinny)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: O2 Holdings Ltd (Slough, ir-Renju Unit)

### Talbiet tar-rikorrenti

- tannulla d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinny), tal-10 ta' Jannar 2011, fil-Każ R 242/2009-4;

### Motivi u argumenti prinċipali

Applikant għat-trade mark Komunitarja: O2 Holdings Ltd.

*Trade mark Komunitarja kkonċermata: it-trade mark verbali “can do” għal prodotti u servizzi fil-klassijiet 9, 16, 25, 35, 36, 38 u 43*

*Proprietarju tat-trade mark jew tas-sinjal invokat insostenn tal-oppożizzjoni: ir-rikorrenti*

*Trade mark jew sinjal invokat insostenn tal-oppożizzjoni: it-trade mark verbali “CANDA” għal prodotti fil-klassi 25*

Deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni: oppożizzjoni miċħuda

Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell: appell miċħud

Motivi invokati: ksur tal-Artikolu 15 u tal-Artikolu 42(2) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009<sup>(1)</sup> kif ukoll tar-Regola 22 tar-Regolament (KE) Nru 2868/95<sup>(2)</sup>, billi l-Bord tal-Appell stabbilixxa kriterji stretti wisq għall-evalwazzjoni tal-prova ta' użu ġenwin u ma ħax inkunsiderazzjoni biżżejjed is-sitwazzjoni partikolari ta' bejgħ fl-impriża tar-rikorrenti. Barra minn dan, ksur tal-Artikolu 76 (2) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009, billi l-Bord tal-Appell b'mod żabaljat ma kkunsidrax id-dokumenti pprovduti għall-prova tal-użu ġenwin tat-trade mark opposta. Fl-aħħar nett, ksur tal-Artikolu 75(2) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009, billi l-Bord tal-Appell ma informax lir-rikorrenti bil-fatt li huwa ma jikkunsidrax il-provi ta' użu li ġew prodotti bħala suffiċċenti u billi ma tax il-possibbiltà lir-rikorrenti li tipprodu provi oħra fil-kuntest tas-seduta.

<sup>(1)</sup> Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 207/2009, tas-26 ta' Frar 2009, dwar it-trade mark Komunitarja (ĠU L 78, p. 1).

<sup>(2)</sup> Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2868/95, tat-13 ta' Diċembru 1995, li jimplimenta r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 40/94 dwar it-trade mark tal-Komunità (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti: Kapitolu 17, Vol. 1, p. 189).

---

### Rikors ippreżentat fis-17 ta' Marzu 2011 — Cofra vs UASI — O2 (can do)

(Kawża T-163/11)

(2011/C 139/52)

Lingwa tar-rikors: il-Ġermaniż

### Partijiet

Rikorrenti: Cofra Holding AG (Zug, l-Isvizzera) (rappreżentanti: K.-U. Jonas u J. Bogatz, avukati)